pakkjar u l-ġarr. Il-Gvern ħareġ £300 għall-ispejjeż. L-iffirmar tal-kuntratt tal-għoti tax-xogħlijiet tal-Prof. Sciortino sar fil-11 ta' Frar, 1957, u flok il-professur, li kien marid, dehret Miss Helene Buhagiar, li kienet ukoll li ħasbet biex ix-xogħlijiet jiġu esebiti fl-14 ta' Lulju, 1947. Ftit ġranet wara Sciortino kien mejjet.

Dan l-iskultur Malti ta' fama mondjali baqa' dejjem dħuli u umli, għad li ħabbat wiċċu ma' ħafna svantaġġi fl-Italja għax kien Malti, u ma sabx l-inkoraġġment li kien jixraqlu fl-Ingilterra għax ma kienx Ingliż, u bil-ħila tiegħu biss kiseb għalih u għal Malta, art twelidu, pedistall għoli fil-qasam ta' l-iskultura, ġieh li jmissna nfakkru malajr kemm jista' jkun b'monument f'wieħed mill-aqwa postijiet ta' Malta, li tant issemmiet bil-ħila tiegħu.

## IL-MEWT

*Ta'* GUŻE' CHETCUTI

— Għid, int min int?......
Għadu?...... ħabib?......
— La għadu anqas ħabib,
ġejt biex nagħtik
l-aħbar tal-mewt, w għajnejk
għad-dawl ta' din id-dinja
ngħatti, u f'dawl ieħor
inti tiftaħhom,
dawl li bħalu qatt ma rajt,
dawl ta' sebħ li ma jintemmx,
dawl hekk ċar li jitfi għal dejjem
l-għajb u l-miżerja
ta' l-umanità.

27. 4. 58.

### ERRATA - CORRIGE

L-ewwel vers tal-poeżija "L-Għedewwa" li dehret fil-ħarġa tal-"Malti" ta' Ġunju, għandu jinqara hekk:

*Għaliex int tal-bniedem, int għadu mill-kbar,*



# RECENSJONIJIET

**IL-PRINJOLA** — Reginald Vella Tomlin. — Malta, 1959.

Is-Sur Reginald Vella Tomlin jistħoqqlu t-tifħir u l-ħajr tagħna għall-ħidma liema tiegħu fil-qasam tal-Lsien Malti. Wara żewġ volumi dwar l-Iskrittura Mqaddsa, u wara ż-żewġ antoloġiji ta' poeżija u ta' proża għat-tfal kien tana xi xogħlijiet oriġinali bħal "Missier Martri" u "M'hemmx Serħan". Did-darba tana "Il-Prinjola" li, kif sejħilha hu, hi sinfonija għall-orkestra u għall-poeżija. Mill-kelmtejn qabel, miktuba mill-awtur, jidher li l-idea li jikteb poeżija u jinseġ magħha l-orkestra ilha ħafna f'moħħu. Dan hu esperiment ġdid fil-letteratura ta' lsienna, u ta' min iħajjar lil Vella Tomlin jagħtina xogħlijiet oħra ta' din il-għamla.

Xi tkun din "Il-Prinjola"? Hi ġrajja ta' mħabba ħarxa, it-tislita bejn bniedem fgat fil-għatx tal-passjoni u tfajla sabiħa u bla ħtija. Wieħed iħoss hu u jaqra l-qilla u l-waħx tal-passjoni li trid tgħaffeġ taħtha, mingħajr ma jirnexxilha, is-safa u l-imħabba tal-qalb. Hekk jikteb l-awtur:

Lill-Mulej dejjem Tania titlob ħniena
Waqt tobgħod sħiħ, bħal kieku dnub, 'l Andrè
U moħħha qatt ma jista' jgħin ħżunitu.

U meta s-saħħar tal-ħażen kien qed iħaddem l-għodda kollha tal-qerq, din it-tfajla safja tinbidel f'kobba tad-deheb, imbagħad fi prinjola. Andrè ntemm maħruq, u dik il-prinjola, meta n-nies messewha, saret trab fin "u ħadet is-sura ta' ħamsin żibġa ta' kuruna". Hawnhekk għandna każ ċar ta' antropomorfiżmu li nsibuh ukoll f'xi poeżiji ta' Anton Buttigieg bħal-ma huma, fost oħrajn, "Il-Bidla ta' Narċis" u "Lewża Miżhara". Imma din in-nota ta' artifiċjalità Reg. Vella Tomlin ipatti għaliha b'ħafna xbihat u deskrizzjonijiet maħduma bis-sengħa. Din hi biċċa xogħol li għandha tiġbed l-interess u l-attenzjoni ta' l-istudjużi tal-Malti.

ġ. c.

**"TRADUZZJONIJIET U KOMPONIMENTI"** ta' Ġużè Chetcuti. — Progress Press, Valletta. 1959, paġ. 65.

Il-lum l-ilsien Malti hu suġġett prinċipali fl-eżamijiet pubbliċi kollha, iżda l-istudenti għandhom ftit kotba biex jitħarrġu u jhejju ruħhom għall-eżamijiet, għalhekk l-awtur fil-bidu ta' dan il-ktieb qal sewwa meta kiteb: "B'dan il-ktieb inħoss li qed nimla vojt li issa ilu jinħass ħafna fil-ħajja ta' l-istudenti."

Is-Sur Chetcuti hu magħruf fost l-aqwa poeti Maltin u ismu jiddi fl-isfera lirika. imma barra dan hu surmast mill-aħjar. Hu għandu għerf, sabar u sistema mhux komuni biex ifisser u jgħallem l-istudenti u jhejjihom għas-suċċessi fl-eżamijiet; il-ħila tiegħu bħala surmast tidher mir-riżultati mill-aħjar li dejjem kisbu l-istudenti mressqin minnu.

Dan il-ktieb hu xhieda tal-ħila tas-Sur Chetcuti bħala surmast tal-Malti għax jitfa' dawl ċar u jagħti tifsir ħafif fuq dak li hu meħtieġ biex student jersaq għall-eżami mhejji sewwa. Jekk student jaqra bil-għaqal din il-biċċa xogħol u jitħarreġ sewwa fiha, jasal għall-eżami b'qalbu qawwija li jgħaddi bla tbatija.